KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 10

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-kunsill Lokali numru 10 li ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 16 ta' Jannar 2025, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 14 ta'Jannar 2025

---

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alfred Grima Kunsillier
- Alex Aguis Kunsillier
- Sandra Gauci Kunsillier
- Clevion Micallef Kunsillier
- Rachel Williams Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

**Skużat**
Anne Fenech Kunsilliera

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**10.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsillier il-kunsilliera Anne Fenech.

Korrezzjonijiet mill- minuti – Laqgħa Numru 9

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il-Kunsilliera Sandra Gauci talbet korrezzjoni f' item 9.3 f' sens li 'l-kliem li l-perit għarrfu li din kienet l-ewwel darba li l-kunsill qatt talbu jabbozza biex jippreżentah lil-Awtorità' tal-Ippjanar.' Ma kienitx qalitu hi imma kien qalu Is-sindku.
Il-Kunsillier Alfred Grima talab f-item 9.3 wara il-kelma *referenza* jżdiedu il-kliem 'għal-kumment ta' Sindku'.
Il-Kunsillier Alfred Grima talab li f'item 9.8 jitnizzlu l-ismijiet ta' toroq li ha jsir xogħol fihom. 'Is-sindku wieġbu li hemm żewġ pjanti l-ismijiet ta' toroq u qed jiġu *update*d minn ġurnata għal oħra mill-Enemalta fejn jkunu qed jsiru xogħlijiet. Is-Sindku żied li ma jsib l-ebda diffikultà li jiġu annessi il-pjanti konċernati.

Għall-approvazzjoni ppropona il-kunsillier Alfred Grima u ġew sekondati mill-kunsilliera Sandra Smart Costantino

Il-kunsill Approva

**10.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 9**

Is-Sindku għamel referenza għal ittra formali lill-IM kif referuta fl item 9.4 li dwarha sa issa ma kien hemm ebda żvilupp.

**10.3 Punti mill-minuti**

Is-sindku rrefera għax-xogħoljiet EneMalta li bdew f'tlett postijiet differenti.
1 Ħdejn *distribution centre* tal- Qawra,
2 In-naha ta' *Sunny Coast*
3 Fejn l-erba' Mwieżeb.
Is-Sindku aġġorna lill- kunsill rigward il-permessi li qed joħorġu mill-kunsill, li qed jkunu skedati tlett ġimgħat b'tlett ġimgħat ħalli xogħlijiet ma jibdewx f daqqa.
Il-kunsillier Alfred Grima qal li fil-laqgħa ta qabel is-Sindku kien qal li xogħol ha jibda kollu f'salt. Is-sindku wieġeb li hu kien qal li xogħol jibda kollu f salt imma ser jkun f'fażijiet differenti skond il-permessi li jkun qed joħorġu u skond l-iskeda miftiehma. Wara dan il-kunsillier Alfred Grima ppreżenta stqarrija dwar xogħlijiet mill-EneMalta, l-stqarrija kienet iffirmat minn sitt kunsilliera u tinsab annessa mal-minuti tal-laqgħa numru 10.

**10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-sindku tkellem dwar Ġnien Kacey Sciberras u dwar talba minn *project green* għal bdiel fil-ftiehem dwar amministrazzjoni ta' l-istess ġnien bejn il-kunsill u *project green* .
Inqrat il- proposta u giet annessa mal -minuti.
Il-Kunsill approva emendi kif propost.

Is-sindku tkellem dwar talba biex jinħargu permessi għal *cycling marathon* April *2025* u il- Malta *annual marathon.,*u talab iktar informazzjoni mill-organizzaturi dwar it-toroq li ha jkun qed jagħaddu minnhom.
Fl-ahhar ta' laqgħa is-Sindku nforma lil kunsill li fuq parir ta Avukat tal-kunsill kien ha jiġi mġedded l-ftiehem li bih qed jiġi amministrat il-parkeġġ taħt l-iskola tal-Qawra .

**10.5 Kunsiderazzjoni ta' kollaborazzjoni ma l-iskola San Andrea.**

Saret preżentazzjoni minn Sur Adrian Coppini f isem l-iskola dwar il-proposti tal-proġett tal-graund li jikkonsisti f'faċilitajiet sportivi fejn għal dan il-proġett l-iskola San Andrea applikat għal *local funding scheme* mill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-sur Coppini spjega li jekk il-kunsill jaċċetta jkun jista' jidħol fi ftiehem li jkollu aċċess għal użu tal-faċilitajiet sportivi mingħajr ħlas fil-*weekend* fuq ammont ta siegħat miftiehma .Ġie ppreżentat draft *agreement* li l-kunsill jrid jikkunsidra u jagħti feedback. Saru diversi mistoqsijiet mill-kunsilliera dwar il-ġranet u il-ħinijiet li ha jkollu il-kunsill u x'ser jkun qed jiggwadjana mill-progett. Kien hemm qbil li *draft agreement* jingħata lill-avukat tal-kunsill u bħala kunċett il-kunsill jaqbel mal-proposti u jibqa' għaddej bil- kollaborazzjoni ma l-iskola u la darba jsir il-ftiehem mal-kunsill San Andrea tkun tista' tapplika għal fondi.

Il-kunsilliera Rachel Williams ressqet diversi punti fuq *draft agreement*, u ha tibgħathom lill-kunsill biex jiġu kunsidrati mill-avukat.
Il-kunsillier Alfred Grima resaq il-punt li l-kunsill ma għandux jkollu polza ta' sigurtà, u ppropona li l-kunsill u ma jaghmilx tajjeb fuq il-polza ta 'sigurtà tal-post. imma il-polza ta'sigurta tkopri biss kull meta il-kunsill jagħmel użu tal-post. Is-Sindku issuġġerixxa li kunsilliera jagħmlu il proposti tagħhom u nieħdu il-pariri legali tal- avukat fuq kull suġġeriment

Kien hemm qbil u pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ssekondat il-kunsilliera Mary Borg.

**10.6 Aġġornament proġett pjazza Bugibba**

Is-sindku aġġorna lill-kunsill dwar ix-xogħoljiet tal-pjazza .Is-sindku tkellem dwar il-kuntraturi li ha jaħdmu u ta spjega minn fejn ha jibdew xogholjiet. l-Perit tal-proġett kien ha jzommu lill- kunsill informat b dak kollu li jista' jinqala. Is-sindku semma li l-palm li kienu fil-pjazza ha jinqalaw u ha jigu riallokati f'postijiet oħra fil-lokalita.

**10.7 Ħarga Anzjani Frar 2025**

Il -kunsilliera Mary Borg infurmat lill-kunsill dwar il-ħarga ta' anzjani li ser jsir fi Frar u ha jzuru Il-Manuel Theatre u ser tkun qed tagħti aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss dwar transport u *refreshments* li jkun ha jinagħtaw lill-anzjani.

**10.8 Approvazzjoni performance Bonus ħaddiema u ex Segretarju Ezekuttiv**

l- Agent Segretarju Ezekuttiv spjega dwar kif tqassmu il-percentaġġi tal-*performance bonus*. Meta l-Agent Segretarju Ezekuttiv kien ha jagħati dettalji dwar il-perentaġġ tal-ħaddiem, il-kunsillier Alfred Grima insista li ma kellux għalfejn jsemmi ismijiet tal-haddiema. Is-segretarju spjega biss li persentaġġ kienu jvarjaw minn 6% sa 3%.

Rigward il-performance bonus ta ex segretarju eżekuttiv u ta' l-Agent ha jkunu qed jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

**10.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**10.10 Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oggetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**10.11 Approvazzjoni ta'l-iskeda tal-pagamenti**

Is -sindku tkellem fuq item 0006, li huwa ta' Andrew Vassallo Trading ta' xoghol li kien għamel fil-passat. Is-sindku sahaq li persuna mill-kumpanija kellha tigi il-kunsill diversi drabi biex jitkellmu fuq xogholjiet oħra pendenti imma din il-persuna qatt ma giet. Ghalhekk kien hemm qbil li dan il-kont jitħallas wara li tiġi ċċarata il-pożiżjoni tal-kumpanija dwar xogholjiet oħra mal-kunsill mill-istess kumpanija.

Is-sindku rrefera ghal latrina ta' wara il BOV li kien ġiet magħluq mit-12 ta' Dicembru il- quddiem. Għalhekk il-pagamenti kellhom jitwaqqfu minn dak in- nhar stess. Fil- fatt il-latrina ġiet issigillata u tabelli tagħha inqalgħu. Dan fih.nnifsu kellu jservi ta'avviz dwar għeluq ta'latrina. Il-kunsillier Alfred Grima staqsa jekk il-kuntrattur kienx avzat uffiċjalment u Is-sindku wiegeb fl-affarmativ.

Kien hemm qbil li jinqatgħu €590 mill-pagament.

Is-sindku tkellem dwar il-pagament fuq tizjien tal-Milied li f'parti mit-triq Qalb ta' Gesu u parti mit-triq tal-pjuniri ma sarx tizjien u waqt li f triq il-korp tal- pjunieri tizjien kien sar iktar minn ħmistax il-gurnata tard.

Il-kunsill qabel bl-aċċezjoni tal-kunsillier Alfred Grima li tinqata'somma minn din RFQ partikolari.

Qabel approvazzjoni ta l-iskeda is-Sindku ghamel referenza għal kont pendenti dwar il-ġnien Josph. P. Caruana f'triq Cassarino, billi dan il-kont ma kienx imdaħħal fl-iskeda tal- pagamenti, gie deciz li istass kont jithala għal laqgħa ohra.

**10.12 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.20 u aġġornat għal-Ħamis 13 ta' Frar fil 5.30pm